# Lista tal-Kontroll tal-Evalwazzjoni

**Din il-lista tal-kontroll hija gwida għall-awtoevalwazzjoni u għall-evalwazzjoni esterna tal-politiki, tal-pjanijiet, tas-servizzi, tal-programmi, tal-governanza, tar-riċerka u tal-leġiżlazzjoni fil-livell nazzjonali, lokali u organizzazzjonali.**

## SPAZJU

- Kif żgurajt li t-tfal u ż-żgħażagħ kienu involuti kmieni kemm jista' jkun?
- Kif inżamm l-involviment tagħhom?
- Kif kienu dawk li huma affettwati direttament mis-suġġett involut?
- X'passi ttieħdu biex jiġi żgurat li l-proċess kien inklużiv u aċċessibbli?
- Kif kienu appoġġati biex iħossuhom sikuri u komdi jesprimu ruħhom?
- X'appoġġ ingħata lil dawk li saru anzjużi, imdejqin jew skomdi?

## VUĊI

- Għamilt lista ċara tas-suġġetti li tixtieq tisma' l-fehmiet tat-tfal u taż-żgħażagħ fuqhom?
- Kif żgurajt li l-enfażi ewlenija tal-proċess baqgħet fuq is-suġġetti li identifikajt?
- Kif kienu jafu li l-parteċipazzjoni kienet volontarja u li setgħu jieqfu x'ħin iridu?
- Kif appoġġajthom biex jagħtu l-fehmiet tagħhom stess, filwaqt li inkludejt informazzjoni aċċessibbli u adattata għall-età tagħhom?
- Kif żgurajt li ngħataw firxa ta' modi differenti kif jistgħu jesprimu ruħhom biex isibu l-mod l-aktar adattat għall-ħtiġijiet u l-għażliet tagħhom?
- Il-proċess kif ħallihom jidentifikaw is-suġġetti li xtaqu jiddiskutu?

## UDJENZA

- It-tfal u ż-żgħażagħ kif kienu jafu lil min, kif u meta kienu se jiġu kkomunikati l-fehmiet tagħhom?
- Kif urejt li kont impenjat li tiġi infurmat u influwenzat mill-fehmiet tagħhom?
- Kif identifikajt u involvejt lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet rilevanti (dawk responsabbli biex jinfluwenzaw il-bidla)?
- Kif u meta ġew ikkompilati rapport / rekord u sommarju tal-fehmiet tagħhom adattat għat-tfal jew għaż-żgħażagħ?
- Kif żgurajt li ngħataw l-opportunità li jikkonfermaw li l-fehmiet tagħhom ġew irreġistrati b'mod preċiż?
- Liema pjanijiet ġew stabbiliti biex jappoġġaw lit-tfal u liż-żgħażagħ biex ikollhom rwol fil-komunikazzjoni tal-
- fehmiet tagħhom stess?

## INFLUWENZA

- It-tfal u ż-żgħażagħ kif ġew infurmati dwar il-kamp ta' applikazzjoni li għandhom (inklużi l-limitazzjonijiet) biex jinfluwenzaw it-teħid tad-deċiżjonijiet?
- Kif ingħataw feedback aċċessibbli u adattat għall-età tagħhom f'punti ewlenin matul l-iżvilupp ta' servizz jew politika?
- X'għamilt bil-fehmiet tagħhom?
- Kif ingħataw feedback aċċessibbli u adattat għall-età tagħhom li jispjega kif intużaw il-fehmiet tagħhom u r-raġunijiet għad-deċiżjonijiet li ttieħdu, fi
- żmien xieraq?
- Kif żgurajt li ngħataw opportunitajiet biex jevalwaw il-proċess kollu?

It-traduzzjoni ġiet ippreparata mill-dokument oriġinali li huwa parti minn Il-Qafas Nazzjonali għall-Parteċipazzjoni ta' Tfal u Żgħażagħ fil-Ħażna ta' Deċiżjonijiet, bl-awtorizzazzjoni tal-**Dipartiment Irlandiż għat-Tfal, Disabilità u Ugwaljanza**.